MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Mizzi House National Road , Blata-l-Bajda, Hamrun HMR9010
Tel: +356 2395 2000  Fax: +356 21 242 406

11 ta' Ottubru, 2012

Riferenza tagħna: CCD/258/10

Proċeduri Amministrattivi: AP/02/12

Melita Plc (C 12715)
Gasan Centre
Mrieħel By-Pass,
Mrieħel BKR 3000.

**Deċiżjoni skont l-Artikolu 14A (2) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) fir-rigward tal-Proċeduri Amministrattivi Numru AP/02/12.**

Illi b'riferenza għall-Proċeduri Amministrattivi Numru AP/02/12 istitwiti mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ id-Direttur Ġenerali, fir-rigward tal-prattiċi kummerċjali (kif interpretati fl-Artikolu 51A tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur [Kapitolu 378 tal-Liġijiet tal-Malta] hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-Att, li bihom is-soċjeta' Melita Plc (C 12715) qegħda tagħmel użu mill-kelma "**UNLIMITED**", iżda fejn fil-verita' hemm limitu impost mill-istess soċjeta' Melita Plc bil-konsegwenza li tali prattiċi kummerċjali mhumiex ġusti a tenur tal-Artikolu 51B tal-Att għaliex imorru kontra l-ħtiġijiet tad-diliġenza professjonali ta' Melita Plc u joħolqu distorzjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tas-servizzi pprovduti, tal-konsumatur medju li jilħqu jew li lilu jkunu indirizzati dawn il-prattiċi kummerċjali, u dan permezz ta' azzjonijiet qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 51C tal-Att u ta' ommissjonijiet qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 51D tal-Att, ossia li fil-waqt li l-prattiċi kummerċjali jindikaw servizzi mingħajr limiti, hemm limiti u dawn ma jinġiebux immedjatament a konjizzjoni tal-konsumatur,

id-Direttur Ġenerali kkunsidra:

1. l-avviż dwar Proċeduri u Multi Amministrattivi inkluż riserva ta' ħruġ ta' Ordni ta' Tħaris u stedina għall-konformita' volontarja maħruġ fis-16 ta' Lulju, 2012 skont u b'riferenza għall-Artikoli 14A, 94, 100 u 106A (2), (3) u (5) tal-Att, li ġie notifikat lil Melita Plc fis-17 ta' Lulju, 2012;

2. is-sottomissjonijiet ta' Melita Plc tat-30 ta' Lulju, 2012 fir-rigward tal-fuq imsemmi avviż;

3. l-ammissjoni u, jew in-nuqqas ta' ċaħda da parti tal-Melita Plc li qegħda teżerċita l-prattiċi kummerċjali imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' din id-deċiżjoni, liema prattiċi kummerċjali skont l-Artikolu 51A tal-Att iffissru:

"kwalunkwe att, omissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali, inklużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lill-konsumatur kemm jekk iseħħ qabel, waqt jew wara t-transazzjoni kummerċjali in relazzjoni mal-prodott;",

li bihom, is-soċjeta' Melita Plc (C 12715) fir-rigward tas-servizzi minnha pprovduti (telefonija fissa, internet u televiżjoni) qegħda tagħmel użu mill-kliem "UNLIMITED" u "BLA / MINGĦAJR LIMITI", u espressjonijiet oħra li għandhom l-istess tifsira u effett, u li jagħtu l-istess messaġġ u indikazzjoni lill-konsumatur u ċioe' li ma hemmx limitu u ma hemmx kundizzjonijet li jkunu ta' limitu, iżda fejn fil-verita' hemm limitu impost mill-istess soċjeta' Melita Plc bil-konsegwenza li tali prattiċi kummerċjali mhumiex ġusti a tenur tal-Artikolu 51B tal-Att għaliex imorru kontra l-ħtiġijiet tad-diliġenza professjonali ta' Melita Plc u joħolqu distorzjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tas-servizzi pprovduti, tal-konsumatur medju li jilħqu jew li lilu jkunu indirizzati dawn il-prattiċi kummerjċali, u dan permezz ta' azzjonijiet qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 51C tal-Att u ta' ommissjonijiet qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 51D tal-Att, ossia li fil-waqt li l-prattiċi kummerċjali jindikaw servizzi mingħajr limiti, hemm limiti u dawn ma jinġiebux immedjatament a konjizzjoni tal-konsumatur;

4. in vista tal-premess, il-konsegwenti eżerċizzjoni ta' prattiċi kummerċjali li a tenur tal-Artikolu 51B tal-Att mhumiex ġusti u li għalhekk huma pprojbiti skont l-imsemmi Artikolu 51B tal-Att, permezz ta' azzjonijiet u omissjonijiet qarrieqa imsemmija fl-Artikoli 51C u 51D tal-Att permezz ta' l-użu kemm tal-kliem "UNLIMITED" u "BLA / MINGĦAJR LIMITI, u espressjonijiet, messaġġi u indikazzjonijiet kif ikkunsidrat fis-subparagrafu preċedenti li għandhom l-istess tifsira u effett fir-rigward tal-konsumaturi li waslu għall-ksur da parti tal-Melita Plc tal-Att;

5. il-konstatazzjoni li fiċ-ċirkostanzi jista' jinħareġ ordni ta' tħaris fil-konfront ta' Melita Plc a bażi ta' l-Artikolu 94 (1) (b) tal-Att;

6. id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 100 tal-Att li a bażi tiegħu d-Direttur Ġenerali, meta jqis possibbli u raġonevoli li jagħmel hekk, qabel ma jgħaddi għall-ħruġ ta' ordni ta' tħaris taħt l-Artikolu 94 tal-Att, għandu jipprova jikseb il-konformita' volontarja mill-Melita Plc;

7. il-fatt li minkejja l-istedina u t-tentattivi da parti tad-Direttur Ġenerali sabiex tinkiseb konformita' volontarja a tenur tal-fuq imsemmi Artikolu 100 tal-Att tali konformita' volontarja ma ġietx miksuba peress li Melita Plc baqgħet tinsisti fil-kontestazzjonijiet tagħha li l-użu tal-kliem "UNLIMITED" u "BLA / MINGĦAJR LIMITI", u espressjonijiet oħra li għandhom l-istess tifsira u effett, u li jagħtu l-istess messaġġ u indikazzjoni lill-konsumatur u ċioe' li ma hemmx limitu u ma hemmx kundizzjonijet li jkunu ta' limitu, iżda fejn fil-verita' hemm limitu impost mill-istess soċjeta' Melita Plc jammonta għall-prattiċi kummerċjali ġusti, meta

pero’ fil-verita’ tali użu mhuwiex konformi mal-liġi anzi huwa pprojibit a tenut tal-Artikolu 51B tal-Att.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet id-Direttur Ġenerali jiddeċiedi:

1. illi hemm fl-aġir ta’ Melita Plc ksur tal-Att permezz ta’ prattiċi kummerċjali mhux ġusti fejn il-kliem “UNLIMITED” u “BLA / MINGĦAJR LIMITI”, u espressjonijiet oħra li għandhom l-istess tifsira u effett, u li jagħtu l-istess messaġġ u indikazzjoni lill-konsumatur u ċioe’ li ma hemmx limitu u ma hemmx kundizzjonijet li jkunu ta’ limitu, iżda fejn fil-verita’ hemm limitu impost mill-istess soċjeta’ Melita Plc bil-konsegwenza li tali prattiċi kummerċjali mhumiex ġusti a tenur tal-Artikolu 51B tal-Att għaliex imorru kontra l-ħtiġijiet tad-diliġenza professjonali ta’ Melita Plc u joħolqu distorzjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tas-servizzi pprovduti, tal-konsumatur medju li jilħqu jew li lilu jkunu indirizzati dawn il-prattiċi kummerjċali, u dan permezz ta’ azzjonijiet qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 51C tal-Att u ta’ ommissjonijiet qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 51D tal-Att, ossia li fil-waqt li l-prattiċi kummerċjali jindikaw servizzi mingħajr limiti, hemm limiti u dawn ma jinġiebux immedjatament a konjizzjoni tal-konsumatur;

2. illi bil-preżenti, għar-raġunijiet premessi hawn fuq elenkati, qiegħed jinħareġ Ordni ta’ Tħaris a tenur tal-Artikolu 94 (1) (b) tal-Att ossia li Melita Plc għandha sal-11 ta’ Novembru, 2012 sabiex tieqaf u ma tkomplix tuża l-kliem “UNLIMITED” u “BLA / MINGĦAJR LIMITI” u espressjonijiet oħra li għandhom l-istess tifsira u effett, u li jagħtu l-istess messaġġ u indikazzjoni lill-konsumatur u ċioe’ li ma hemmx limitu u ma hemmx kundizzjonijet li jkunu ta’ limitu, iżda fejn fil-verita’ hemm limitu impost mill-istess soċjeta’ Melita Plc;

3. illi fin-nuqqas ta’ osservanza ta’ dak ordnat fil-paragrafu preċedenti ta’ din id-deċiżjoni, u għar-raġunijiet premessi f’din id-deċiżjoni b’effett immedjat mit-12 ta’ Novembru, 2012 a tenur tal-Artikolu 94 (1) tal-Att jidħol fis-seħħ ordni ta’ tħaris sabiex Melita Plc tieqaf u ma tkomplix tuża l-kliem “UNLIMITED” u “BLA / MINGĦAJR LIMITI”, u espressjonijiet oħra li għandhom l-istess tifsira u effett, u li jagħtu l-istess messaġġ u indikazzjoni lill-konsumatur u ċioe’ li ma hemmx limitu u ma hemmx kundizzjonijet li jkunu ta’ limitu, iżda fejn fil-verita’ hemm limitu impost mill-istess soċjeta’ Melita Plc;

4. illi kemm-il darba l-imsemmi ordni ta’ tħaris ma jiġix obdut minn Melita Plc dan jammonta għall-ksur tal-Artikolu 94 tal-Att, u a tenur tal-paragrafu numru 10 tat-Tieni Skeda tal-Att u tal-Artikolu 106A (2) tal-Att b’effett mit-12 ta’ Novembru, 2012 tiġi imposta multa ta’ hames elef euro (€5,000) għall-istess ksur tal-Artikolu 94 u għall-nuqqas ta’ osservanza tal-ordni ta’ tħaris u inoltre tiġi imposta multa ta’ mija u għoxrin euro (€120) kull jum għal kull ġurnata li fiha ma jiġix obdut l-ordni ta’ tħaris.

Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta’ Melita Plc emerġenti mil-liġijiet amministrati mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni.

Illi skont is-subinċiż (5) tal-Artikolu 94 tal-Att, bil-preżenti Melita Plc qeghda tiġi nnotifikata b’dan l-Ordni ta’ Tħaris, u qeghda tiġi mgħarrfa li tista’, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata minn notifika lilha ta’ dan l-Ordni ta’ Tħaris, tappella mill-

imsemmi Ordni permezz ta' rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal tal-Appell tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur għar-revoka jew emenda tal-Ordni ta' Tħaris skont l-Artikolu 97 tal-Att.

Godwin Mangion
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)